REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1384

tal-10 ta' Awwissu 2015

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra bbażata parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid xi subtaqsima magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bil-għan li jiġu applikati tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), għar-raġunijiet stipulati fil-kolonna (3) tal-istess tabella.

(4) Jixraq jiġi previst li d-detentur tal-informazzjoni tariffarja vinkolanti li tinħareġ għall-merkanzija kkonċernata minn dan ir-Regolament u li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament jista' jibqa' jinvokaha għal perjodu partikolari taż-żmien skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mogħtija fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Awwissu 2015.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Heinz ZOUREK

Direttur Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Prodott ("ktieb ta' taħbil il-moħħ") li jikkonsisti f'logħob ta' taħbil il-moħħ, testi, mapep u stampi edukattivi oħra marbutin flimkien, li jkun magħmul mill-kartun u jkun ta' madwar 34 b'24 cm, u li jkollu 14-il paġna. Kull paġna jkun fiha logħba ta' taħbil il-moħħ b'madwar 40 biċċa, li turi mappa b'informazzjoni u stampi fuq sfond ta' lewn wieħed. Il-logħbiet ta' taħbil il-moħħ għandhom x'jaqsmu mat-testi, il-mapep u l-istampi edukattivi fuq il-paġni ta' faċċata, u jikkompletawhom. (Ara r-ritratt) (*)	9503 00 69	Il-klassifikazzjoni qed issir skont ir-regoli ġenerali 1, 3(c) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda (GIR), u skont il-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 9503 00 u 9503 00 69. Mad-daqqa t'għajn il-prodott jista' jiġi kklassifikat taħt l-intestatura 4901 bħala ktieb stampat jew materjal stampat simili, jew taħt l-intestatura 9503 bħala logħba ta' taħbil il-moħħ. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ intestaturi ma tista' titqies li tipprovdi deskrizzjoni aktar speċifika ta' dan il-prodott fi ħdan it-tifsira tal-GIR 3(a). Minħabba li ma jistax jiġi stabbilit jekk humiex it-testi, il-mapep u l-istampi edukattivi (l-intestatura 4901) jew il-logħob ta' taħbil il-moħħ (l-intestatura 9503) li jagħtu lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu fi ħdan it-tifsira tal-GIR 3(b), il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt l-intestatura li tiġi l-aħħar fl-ordni numerika fost dawk il-prodotti li jistħoqqilhom jitqiesu bl-istess mod. Għalhekk, l-oġġett qed jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 9503 00 69 bħala logħob ieħor ta' taħbil il-moħħ.

(*) Ir-ritratt qed jingħata għal skopijiet tat-tagħrif biss.

